KLR 11/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet b'mod virtwali minħabba l-pandemija tal-COVID 19. Din il-laqgħa saret nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2020 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**11.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**11.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.2.1 Is-Sindku beda billi ta l-għomor lill-membru Portelli peress li mietet in-nanna tagħha.

11.2.2 Qal li qed isir ix-xogħol sabiex il-*gutter* tal-ilma li hemm fi Pjazza San Ġorġ jitgħaqqad mat-toroq tal-ġnub kif kien ippjanat. Dan il-*gutter* jilqa' l-ilma tax-xita minn Triq Karita' u minn Triq San Ġorġ. Dan ix-xogħol qed isir qabel ikun permess li jiftħu l-ħwienet tal-*catering* peress li f'Marzu ġew magħluqa minħabba l-Covid 19.

11.2.3 Is-Sindku qal li l-Assoċċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali qed tipproponi li fejn ikun hemm it-talba, studenti Universitarji mill-Fakulta tal-Liġi, jkunu jistgħu jagħmlu l-eżamijiet fil-bini tal-Kunsill. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

11.2.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kisi tal-isqaq numru 1 fi Triq Ġ.P. Agius de Soldanis ser jinbeda fil-ġranet li ġejjin, appena jitlesta x-xogħol li qed isir mill-privat f'post fil-kantuniera tal-isqaq.

**11.3 Applikazzjonijiet sottomessi mill-Kunsill**

11.3.1 Mill-iskema mnegħdija mill-Ministeru għal Għawdex- 'Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2020', il-Kunsill issottometta żewġ applikazzjonijiet, waħda biex jiġi restawrat San Ġorġ tal-Ħaġar u l-oħra biex jiġu restawrati l-istatwi li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santu Wistin.

11.3.2 Applikazzjoni oħra li ġiet sottomessa ġġib l-isem 'Identity of an Island'. Din ġiet sottomessea mis-Soċjeta' Filarmonika La Stella u l-Kunsill qabel li jkun wieħed mit-tlett *partners*. Il-fondi (jekk approvata) jinħarġu mill-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF).

**11.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar t'April u Mejju 2020skont dokumenti A u B annessi.

**11.5 Materji oħra**

11.5.1 Il-membri approvaw il-*Business Plan* għas-snin 2020-2024 skont dokument Ċ anness.

11.5.2 Il-membri qablu li fl-uffiċċju tal-*customer care* jibdew jiġu aċċettati pagamenti anke' bl-*EPOS machine* mill-Bank of Valletta.

11.5.3 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni rigward l-użu tar-*roundabout* li saret mal-bqija tar-*road markings* fl-*area* ta' Triq Kerċem u Qasam San Ġorġ. Qed jerġa jkun hemm ilmenti li r-*roundabout* qed tkun ta' periklu għas-sewwieqa għax barra li hu diffiċli biex iddur magħha, min jipprova jdur magħha qed isib ma wiċċu vetturi oħra ta'sewwieqa li ma josservawhiex. Il-Kunsill jaf li din ma tistax tiġi iktar il-fuq lejn ir-Rabat, faċċata ta' Triq l-Imblokk tal-Franċiżi għax jaf li biex issir hemm iridu jonqsu 5 parkeggi. Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni ta' *Transport Malta* peress li wieħed jikkonkludi jekk huwiex aħjar mingħajrha milli f'post ħażin.

11.5.4 Il-membru Buttigieg reġa' ġibed l-attenzjoni fuq in-nuqqas ta' dawl li hemm bi Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu li jerġa jinbeda l-proċess sabiex isiru fanali addattati f'din il-pjazza.

11.5.5 Il-membri qablu li tinħareġ offerta sabiex jinbiddlu l-fanali li spiċċaw, fit-toroq u l-isqaqien ta' Sant' Indrija, Mons. Ġużeppi Farrugia, G.P. Agius De Soladanis u Karita'. Il-Kunsill ser jikkonsulta ma l-Enġiniera Galea Curmi peress li diġa' ġew imqabbda jaħdmu d-dettalji għal dan ix-xogħol.

11.5.6 Il-membru Debrincat ġibed l-attenzjoni rigward il-ħmieġ li qed jitħalla fi Pjazza San Ġorġ u fi Triq is-Suq minħabba kostruzzjoni li qed issir f'dar privata. Ġie nnutat ukoll li fuq il-madum ta' Pjazza Indipendenza qed ikun hemm trukk ipparkjat bil-ġebel fuqu. Dan minħabba post li qed jinbena fl-istess pjazza. Il-membri qablu li s-Supretendent tal-pulizija għandu jiġi nfrumat b'dawn l-ilmenti minnufih. Is-Sindku qal li Triq is-Suq inħaslet minħabba li l-ħwienet tal-ħwejjeġ ġew infurmati jumejn qabel biex jiftħu wara li f'Marzu li għadda kellhom jagħlqu minħabba l-pandemija. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li fuq il-permessi li jinħarġu lill-kuntratturi li qed jaħdmu fi Triq is-Suq, qed jiġi mniżżel dejjem sabiex dawn ma jħallux ħmieġ.

**11.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-18:00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 15 ta' Ġunju, 2020, fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv